MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2009

Numru. 807/2008

Il-Pulizija
(Sp Martin Sammut)
vs
Ahmad Yassine, iben Moussa, imwieled il-Libja fl-10 ta' Ottubru, 1980

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, fid-29 ta' Awwissu, 2008, għal ħabta tal-4.15 p.m. ġewwa Triq in-Naxxar, San Gwann u/jew fil-viċinanżi:

1. mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, permezz ta' strument li jaqta' u bil-ponta, bil-ħsieb li jagħmel delitt, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt meta ttanta jikkaġuna offiża ta' natura gravi fil-ġisem ta' Ziad Mohammed Abdallah Al Sous, liema delitt ma ġiex

esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;
2. ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-ġisem ta' Ziad Mohammed Abdallah Al Sous permezz ta' strument li jaqta u bil-ponta;
3. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika, b'għajjat u bil-ġlied;
4. ġar sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta li jkun u armi oħra mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
5. hedded jew inġurja lil Ziad Mohammed Abdallah Al Sous;
6. talli fit-30 ta' Awwissu, 2008 għal habta tal-11.00 a.m. ġewwa l-għassa tal-pulizija ta' San Ġiljan hedded jew inġurja lil Ziad Mohammed Abdallah Al Sous.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Jannar, 2009 fejn il-parte civile nfurmat lill-Qorti li ma għandha ebda prova dwar l-ewwel u ir-aba' akkuża miġjuba kontra l-imputat.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Jannar, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi ħlief l-ewwel u ir-raba' akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati ta' l-ewwel u tar-raba' akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 221(1), 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li ma jkellimx jew jimmolesta lil Ziad Mohammed Abdallah Al Sous għal żmien sena taħt ġaranżija personali ta' €230.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------